# Rati tal-imgħax

Il-kontenut ipprovdut minn

European Judicial Network (in civil and commercial matters)

Italja

## 1 Huwa permess “mgħax statutorju” fl-Istat Membru? Jekk iva, kif inhu definit “mgħax statutorju” f’dan l-Istat Membru?

Il-liġi Taljana dwar l-obbligi tagħmel distinzjoni bejn l-interessi ordinarji, l-interessi għall-inadempjenza u l-interessi kumpensatorji. L-interessi ordinarji għandhom funzjoni remunerattiva, bi skambju għall-benefiċċji li jirriżultaw għall-individwu (meħtieġa għall-ħlas tal-interessi) mill-flus li jsiru disponibbli minn oħrajn. L-interessi għall-inadempjenza huma kompensatorji fin-natura tagħhom u huma mġarrba għall-ħlas tard, kif stabbilit billi jiġi nnotifikat avviż uffiċjali għall-ħlas lid-debitur. L-imgħax kumpensatorju jrid jitħallas meta l-kreditur ikun tard biex jikseb il-ħlas tal-ammonti dovuti mid-debitur, fid-dawl tal-vantaġġ mogħti lid-debitur li ma jħallasx minnufih. It-tali interessi jikkostitwixxu provvediment ġust u dawn jakkumulaw anki jekk il-pretensjoni ma tkunx ta’ ammont fiss u ma tkunx dovuta. L-interessi statutorji, madankollu, huma previsti mil-liġi għall-obbligi pekunjarji; mid-data tal-jum li fih is-somma tkun dovuta, id-debitur huwa obbligat iħallas l-interessi statutorji lill-kreditur anki jekk l-ebda interessi ma kienu dovuti qabel u anki jekk il-kreditur ma jkunx stabbilixxa li huwa jkun sofra xi danni (l-Artikolu 1224(l) tal-Kodiċi Ċivili (*Codice Civile*)). B’mod speċifiku, skont l-Artikolu 1224 tal-Kodiċi Ċivili (id-danni f’każ ta’obbligi pekunjarji) “*għal obbligi li jikkonċernaw somma ta’ flus, l-interessi statutorji jkunu dovuti mid-data tal-jum ta’ wara li jkun dovut il-ħlas, anki jekk l-ebda interessi ma kienu dovuti qabel u anki jekk il-kreditur ma jkunx stabbilixxa li huwa sofra xi danni. Fejn l-interessi kienu dovuti qabel id-data ta’ ħlas tard li kien ogħla mill-interess statutorji, l-interessi għall-inadempjenza tal-istess ammont huma dovuti”*. Kull kreditur li jistabbilixxi li jkun sofra danni akbar jirċievi aktar kumpens (dannu kkawżat minn żvalutazzjoni monetarja). Dan ma jitħallasx jekk ikun ġie miftiehem ammont ta’ interessi għall-inadempjenza.

L-Artikolu 1282 tal-Kodiċi Ċivili jistipula li l-interessi għandhom jitħallsu awtomatikament fuq pretensjonijiet fuq ammonti magħrufa ta’ flejjes dovuti, sakemm mhux previst mod ieħor mil-liġi jew mill-pretensjoni kkonċernata.

## 2 Jekk iva, x’inhu/x'inhi l-ammont / ir-rata u x’inhi l-bażi ġuridika għalih/a? Jekk huma permessi rati differenti ta’ mgħax statutorju, liema ċirkustanzi u kundizzjonijiet japplikaw?

L-ammont ta’ interessi statutorji jiġi deċiż mit-Teżor Taljan (illum il-Ministeru għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji) fuq bażi annwali permezz ta’ digriet maħruġ sal-15 ta’ Diċembru ta’ kull sena. Jekk il-partijiet ikunu qablu dwar ir-rata tal-interessi, ir-rata tkun dik deċiża minnhom. Madankollu, irid ikun hemm qbil bil-miktub dwar ir-rata u ma tridx tkun ogħla mir-rata massima permessa skont il-liġi ta’ kontra l-użura (Il-Liġi Nru 108 tas-7 ta’ Marzu 1996), inkella l-interessi jitqiesu bħala interessi ta’ użura u għalhekk nulli. F’dawn il-każijiet, ebda interessi ma huwa dovuti (l-Artikolu 1815 tal-Kodiċi Ċivili). Jekk il-partijiet ikunu ftehmu biex japplikaw rata tal-interessi kuntrattwali iżda ma jkunux stabbilixxew il-livell ta’ dawn l-interessi, tiġi applikata r-rata statutorja. Fis-sistema legali Taljana, is-sitwazzjoni dwar l-interessi għall-inadempjenza tvarja parzjalment minn dik tal-interessi statutorji. L-interessi għall-inadempjenza huma intiżi bħala penali (għad-debitur) u kumpens (għall-kreditur). Huma marbut mal-inadempjenza ta’ obbligu finanzjarju minħabba l-ħlas tard jew in-nuqqas ta’ ħlas għas-servizz ikkonċernat fil-perjodu msemmi mil-liġi jew abbażi tal-ftehimiet milħuqa mill-partijiet. Sabiex il-kreditur ikun jista’

jitlob l-interessi għall-inadempjenza id-debitur irid ma jkunx ħallas l-arretrati. "L-arretrati" jirreferu għal dewmien mid-debitur fl-adempjenza tal-obbligi tiegħu. Sabiex jiġu applikati l-arretrati, id-data debita trid tkun għaddiet u d-debitur irid ikun ingħata avviż għall-ħlas: dokument formali li bih il-kreditur jistaqsi lid-debitur sabiex jagħmel il-ħlas debitu. Skont il-Kodiċi Ċivili, l-imgħax għall-inadempjenza huwa debitu bir-rata statutorja jew bir-rata stabbilità mil-liġi. Madankollu, jekk l-interessi ogħla mir-rata statutorja jkunu dovut qabel id-debitur ma jkun ingħata avviż biex iħallas, f'dan il-każ l-interessi għall-inadempjenza jkunu tal-istess ammont (l-Artikolu 1224 tal-Kodiċi Ċivili).

Skont l-Artikolu 1284 tal-Kodiċi Ċivili, ir-rata tal-interessi statutorja tiġi stabbilita fuq bażi annwali mill-Ministeru għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji. Permezz ta' digriet ippubblikat fil-Gazzetta Uffiċjali tar-Repubblika Taljana (*Gazzetta Ufficiale della Repubblica Italiana*), il-Ministru jbiddel ir-rata abbażi tal-interessi medji annwali tal-ishma tal-gvern b'perjodu massimu ta' maturità ta' 12-il xahar, billi jieħu kont tar-rata ta' inflazzjoni rreġistrata matul is-sena. Dan l-ammont jiġi stabbilit mhux aktar tard mill-15 ta' Diċembru tas-sena li tiġi qabel dik li fiha tapplika r-rata. Jekk, sal-15 ta' Diċembru, ir-rata l-ġdida ma tkunx għada ġiet stabbilita, dik eżistenti tibqa' ma tinbidilx għas-sena segwenti.

Sa mill-1 ta' Jannar 2021, ir-rata tal-interessi statutorja kienet ta' 0,01 %.

TABELLA TA' RATI TA' INTERESSI STATUTORJI

| Minn | Sa | Rata | Liġi |
|---|---|---|---|
| 01/01/1999 | 31/12/2000 | 2,50 % | Id-Digriet Ministerjali (Teżor) tal-10/12/1998 |
| 01/01/2001 | 31/12/2001 | 3,50 % | Id-Digriet Ministerjali (Teżor) tal-11/12/2000 |
| 01/01/2002 | 31/12/2003 | 3,00 % | Id-Digriet Ministerjali (Ekonomija) tal-11/12/2001 |
| 01/01/2004 | 31/12/2007 | 2,50 % | Id-Digriet Ministerjali (Ekonomija) tal-01/12/2003 |
| 01/01/2008 | 31/12/2009 | 3,00 % | Id-Digriet Ministerjali (Ekonomija) tal-12/12/2007 |
| 01/01/2010 | 31/12/2010 | 1,00 % | Id-Digriet Ministerjali (Ekonomija) tal-04/12/2009 |
| 01/01/2011 | 31/12/2011 | 1,50 % | Id-Digriet Ministerjali (Ekonomija) tal-07/12/2010 |
| 01/01/2012 | 31/12/2013 | 2,50 % | Id-Digriet Ministerjali (Ekonomija) tal-12/12/2011 |
| 01/01/2014 | 31/12/2014 | 1,00 % | Id-Digriet Ministerjali (Ekonomija) tat-12/12/2013 |
| 01/01/2015 | 31/12/2015 | 0,50 % | Id-Digriet Ministerjali (Ekonomija) tal-11/12/2014 |
| 01/01/2016 | 31/12/2016 | 0,20 % | Id-Digriet Ministerjali (Ekonomija) tal-11/12/2015 |
| 01/01/2017 | 31/12/2017 | 0,10 % | Id-Digriet Ministerjali (Ekonomija) tas-07/12/2016 |
| 01/01/2018 | 31/12/2018 | 0,30 % | Id-Digriet Ministerjali (Ekonomija) tat-13/12/2017 |
| 01/01/2019 | 31/12/2019 | 0,80 % | Id-Digriet Ministerjali (Ekonomija) tat-12/12/2018 |
| 01/01/2020 | 31/12/2020 | 0,05 % | Id-Digriet Ministerjali (Ekonomija) tat-12/12/2019 |
| 01/01/2021 | 31/12/2021 | 0,01 % | Id-Digriet Ministerjali (Ekonomija) tas-11/12/2020 |

L-interessi kollha li jiġu applikati b'rata ogħla jridu jkunu stipulati bil-miktub; inkella ir-rata prevista legalment hija applikabbli.

Għal dewmien fit-tranżazzjonijiet kummerċjali, tapplika regola *ad hoc* tal-UE, stabbilita fil-liġi nazzjonali fid-Digriet Leġiżlattiv Nru 231 tad-9 ta' Ottubru 2002, kif emendat bid-Digriet Leġiżlattiv Nru 192 tad-9 ta' Novembru 2012, għat-traspożizzjoni sħiħa tad-Direttiva 2011/7/UE, f'konformità mal-Artikolu 10(1) tal-Liġi Nru 180 tal-11 ta' Novembru 2011. Jekk il-partijiet ma jkunux iddeċidew dwar xi rata, minn meta jkun ippreżentat id-dokument li permezz tiegħu jinfetħu l-proċedimenti, ir-rata tal-interessi statutorja tkun ugwali għar-rata msemmija mil-liġi speċjali dwar ħlas tardiv fi tranżazzjonijiet kummerċjali (Ara aktar 'l isfel). Din ir-regola tapplika għall-att li permezz tiegħu jinfetħu l-proċedimenti ta' arbitraġġ.

Il-leġiżlazzjoni speċjali dwar il-ħlas tardiv fi tranżazzjonijiet kummerċjali. Għall-implimentazzjoni tad-Direttiva 2000/35/KE dwar il-ġlieda kontra ħlasijiet tard fi tranżazzjonijiet kummerċjali, l-Italja ħarġet Digriet Leġiżlattiv Nru 231/2002 kif emendat. Dan isemmi espressament, bħala interessi għal ħlas tardiv fi tranżazzjonijiet kummerċjali, rata ogħla tal-interessi mir-rata statutorja. Skont id-Digriet Leġiżlattiv Nru 231/2002, it-tranżazzjonijiet kummerċjali jfissru "kuntratti ta' kull deskrizzjoni bejn l-impriżi jew bejn l-impriżi u l-awtoritajiet pubbliċi li jinvolvu, waħedhom jew b'mod predominanti, l-konsenja ta' prodotti jew il-prestazzjoni ta' servizzi bil-korrispettiv tal-ħlas ta' tariffa". Id-Digriet jipprevedi li, fil-kuntest ta' tranżazzjoni kummerċjali, "kull min ikun suġġett b'mod inġust għal dewmien fil-ħlas tat-tariffa huwa intitolat għal ħlas awtomatiku tal-imgħax fuq arretrati li jidħol fis-seħħ, mingħajr bżonn ta' avviż formali għall-ħlas, mill-jum li jiġi wara l-iskadenza tat-terminu għall-ħlas", sakemm id-debitur ma jkunx jista' jipprova li n-nuqqas ta' ħlas kien ir-riżultat ta' kawżi li mhumiex

imputabbli lilu. Skont din il-liġi, l-interessi fuq ħlasijiet tardivi fi tranżazzjonijiet kummerċjali huma bbażati fuq ir-rata stabbilità kull sena mill-Ministeru tal-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji fit-tabella hawn isfel, li tispeċifika: (a) għall-ewwel sitt xhur tas-sena li kien hemm id-dewmien, ir-rata użata hija dik fis-seħħ fl-1 ta' Jannar ta' dik is-sena; (b) għat-tieni sitt xhur tas-sena li kien hemm id-dewmien, ir-rata użata hija dik fis-seħħ fl-1 ta' Lulju ta' dik is-sena.

Tabella li turi t-tibdiliet fir-rata tal-interessi għall-ħlasijiet tardivi matul iż-żmien, sa mill-2002:

TABELLA ta' RATI TAL-IMGĦAX GĦAL ĦLASIJIET TARDIVI skont id-Digriet Leġiżlattiv 231/2002

| Minn | Sa | BĊE Rata | Rata ta' Żieda | Total |
|---|---|---|---|---|
| 01/07/2002 | 31/12/2002 | 3,35 % | 7,00 % | 10,35 % |
| 01/01/2003 | 30/06/2003 | 2,85 % | 7,00 % | 9,85 % |
| 01/07/2003 | 31/12/2003 | 2,10 % | 7,00 % | 9,10 % |
| 01/01/2004 | 30/06/2004 | 2,02 % | 7,00 % | 9,02 % |
| 01/07/2004 | 31/12/2004 | 2,01 % | 7,00 % | 9,01 % |
| 01/01/2005 | 30/06/2005 | 2,09 % | 7,00 % | 9,09 % |
| 01/07/2005 | 31/12/2005 | 2,05 % | 7,00 % | 9,05 % |
| 01/01/2006 | 30/06/2006 | 2,25 % | 7,00 % | 9,25 % |
| 01/07/2006 | 31/12/2006 | 2,83 % | 7,00 % | 9,83 % |
| 01/01/2007 | 30/06/2007 | 3,58 % | 7,00 % | 10,58 % |
| 01/07/2007 | 31/12/2007 | 4,07 % | 7,00 % | 11,07 % |
| 01/01/2008 | 30/06/2008 | 4,20 % | 7,00 % | 11,20 % |
| 01/07/2008 | 31/12/2008 | 4,10 % | 7,00 % | 11,10 % |
| 01/01/2009 | 30/06/2009 | 2,50 % | 7,00 % | 9,50 % |
| 01/07/2009 | 31/12/2009 | 1,00 % | 7,00 % | 8,00 % |
| 01/01/2010 | 30/06/2010 | 1,00 % | 7,00 % | 8,00 % |
| 01/07/2010 | 31/12/2010 | 1,00 % | 7,00 % | 8,00 % |
| 01/01/2011 | 30/06/2011 | 1,00 % | 7,00 % | 8,00 % |
| 01/07/2011 | 31/12/2011 | 1,25 % | 7,00 % | 8,25 % |
| 01/01/2012 | 30/06/2012 | 1,00 % | 7,00 % | 8,00 % |
| 01/07/2012 | 31/12/2012 | 1,00 % | 7,00 % | 8,00 % |
| 01/01/2013 | 30/06/2013 | 0,75 % | 8,00 % | 8,75 % |
| 01/07/2013 | 31/12/2013 | 0,50 % | 8,00 % | 8,50 % |
| 01/01/2014 | 30/06/2014 | 0,25 % | 8,00 % | 8,25 % |
| 01/07/2014 | 31/12/2014 | 0,15 % | 8,00 % | 8,15 % |
| 01/01/2015 | 30/06/2015 | 0,05 % | 8,00 % | 8,05 % |
| 01/07/2015 | 31/12/2015 | 0,05 % | 8,00 % | 8,05 % |
| 01/01/2016 | 30/06/2016 | 0,05 % | 8,00 % | 8,05 % |
| 01/07/2016 | 31/12/2016 | 0,00 % | 8,00 % | 8,00 % |
| 01/01/2017 | 30/06/2017 | 0,00 % | 8,00 % | 8,00 % |
| 01/07/2017 | 31/12/2017 | 0,00 % | 8,00 % | 8,00 % |
| 01/01/2018 | 30/06/2018 | 0,00 % | 8,00 % | 8,00 % |
| 01/07/2018 | 31/12/2018 | 0,00 % | 8,00 % | 8,00 % |
| 01/01/2019 | 30/06/2019 | 0,00 % | 8,00 % | 8,00 % |
| 01/07/2019 | 31/12/2019 | 0,00 % | 8,00 % | 8,00 % |
| 01/01/2020 | 30/06/2020 | 0,00 % | 8,00 % | 8,00 % |
| 01/07/2020 | 31/12/2020 | 0,00 % | 8,00 % | 8,00 % |

## 3 Jekk meħtieġ, hemm aktar informazzjoni disponibbli dwar kif jiġi kkalkulat l-imgħax statutorju?

Is-sit web tal-Ministeru tal-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji: https://www.mef.gov.it

## 4 Hemm aċċess onlajn disponibbli bla ħlas għall-bażi ġuridika msemmija hawn fuq?

Hemm diversi siti tal-web li jipprovdu softwer liberu biex jiġu kkalkolati l-interessi statutorji u l-interessi għall-inadempjenza.

---

L-aħħar aġġornament: 21/07/2022

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta’ din il-paġna tinżamm mill-punt ta’ kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.